# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-2 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru : 410/2022JPG**

**Kawza Numru : 16**

**DG**

**Vs**

**GG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' DG datat 28 ta' Lulju 2022, a fol 1, li jaqra hekk:

*Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma li jaf personalment:*

*Illi l-esponenti DG u l-intimata GG zzewgu fil-knisja ta' San Duminku tal-Belt Valletta nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elf disa'mija u hamsa u disghin (1995) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bic-Certifikat taz-Zwieg numru 273/1995 (Dok. A).*

*Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel wiehed, li jismu KG, u llum ghandu X snin u huwa finanzjarjament independenti.*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu mifrudin minn April 2002, u sseparaw legalment b'kuntratt tan-Nutar dottor Nicholas Vella tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002). (Dok. B).*

*Illi l-esponent u martu GG huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin, u ghandhom il-mezzi biex jipprovdu ghalihom infushom, u ghalhekk hadd minnhom ma jippretendi ebda hlas ta' manteniment minghand l-iehor, la ghaz-zmien li ghadda u lanqas ghall-futur. Effettivament bil-kuntratt tas-separazzjoni msemmi, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin (klawsola 3).*

*Illi ma hemm ebda prospettiva ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.*

*Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai terminu tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolb bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:*

*(1) tordna l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taz-Zwieg imsemmi numru 273/1995;*

*(2) tordna lir-Registratur javza b'dan kollu lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li ghandu jipprocedi ghar-registrazzjoni tal-istess.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi izda l-intimata ma ntavolat ebda risposta.

Rat il-verbal tat-12 ta' Jannar 2023 fejn il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar xhieda x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u jistiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 14) illi l-kontendenti izzewwgu nhar l-24 ta' Marzu 1995 u minn dan iz-zwieg twieled tifel illum maggjorenni. Ilhom separati permezz ta' kuntratt datat 23 t'April 2002 fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella. Iddikjara illi ilu jghix separatament minn martu u t-tnejn li huma ghandhom sitwazzjonijiet familjari indipendenti minn xulxin u il-partijiet rrinunzjaw ghall-manteniment.

**L-intimata xehdet** (vide fol 16) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-24 ta' Marzu 1995, liema zwieg jgib certifikat numru 273/1995 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3. Minn dan iz-zwieg twieled tifel li llum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella nhar it-23 t'April 2002 (vide Dok B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 273/1995 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**